**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta'Dicembru 2022**

Rikors Numru: 248/21 AL

A B

vs

Dr. Fransina Abela u l-P.L. Gillian Muscat li permezz tad-digriet datat 5 ta' Jannar 2022 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D

(MR Nurmu 121/2011)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar it-tnejn (2) ta' Mejju, tas-sena elf, disa' mija, sebgha u disghin (1997);

Illi miz-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom tifel, E F, illum maggorenni.

Illi l-esponenti huwa legalment separat minn martu l-intimata C D u dan permezz ta’ kuntratt datat il-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Mejju, elfejn u tnejn (2002) in atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Tonio Cauchi (anness u mmarkat Dok. A);

Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jigi dikjarat li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, u ghalhekk dan ir-rekwizit huwa sodisfatt;

Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigardanti l-manteniment bejn il-kontendentii, la fil-konfront ta’ xulxin u la fil-konfront ta’ binhom;

Illi dawn il-fattii hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunnzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigii registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta’ Gunju 2022;

Rat illi l-intimata nomine debitament notifikata ma prezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduta tal-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Mejju 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.